

## II

(Att mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/721****tal-20 ta' April 2015**

**li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Vlaamse laurier (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) B'mod konformi mal-Artikolu 50(2)(a), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni ppreżentata mill-Belġu għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Vlaamse laurier" ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (²).

(2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012; id-denominazzjoni "Vlaamse laurier" għandha għalhekk tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Id-denominazzjoni "Vlaamse laurier" (IĠP) hija rreġistrata.

Id-denominazzjoni msemija fl-ewwel paragrafu tidentifika prodott tal-klassi 2.1.3. Fjuri u pjanti ornamenti skont l-Anness XI tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 (³).

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

(²) ĠUC 432, 2.12.2014, p. 12.

(³) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠUL 179, 19.6.2014, p. 36).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' April 2015.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Phil HOGAN  
Membru tal-Kummissjoni*

---